Qorti tal-Magistrati (Ghawdex )
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

Vs

Martin Debrincat u
Joseph Debrincat.

Seduta tal-lum 26 ta' Ottubru, 2001

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Martin Debrincat, iben Joseph u Christina, karta tal-identita' numru 94847G u Joseph Debrincat, iben Martin u Doris, karta tal-identita numru 5976G, kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Talli fit-13.8.97, ghall-habta ta' xi 5.45pm, fi triq Felic Grech, Gharb, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja f'periklu car, ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Louis Apap, mill-Gharb, liema offiza ggib sfregju fil-wicc.

Rat in-nota tal-avukat generali tat-2 ta' Dicembru 1999 fejn ddecieda illli jibghat lill-imputati biex ikunu ggudikati minn din il-Qorti that dak li hemm mahsub fl-artikoli 214 sa 218, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi l-imputati ma rregistraw l-ebda oggezzjoni sabiex ik-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija rizultat ta' allegata glieda bejn l-imputati u **Louis Apap** li jallega li sofra sfregju f'wiccu. Apap xehed illi fil-gurnata tal-incidenti kienet ghamlet hafna xita u kawza tal-kostruzzjoni tal-hajt divizjorju bejn iz-zewg giardini li jappartjenu lill-partijiet, kien diehel hafna ilma fil-proprjeta' ta' Apap. Il-kwerelant talab lil-martu iccempel lill-Debrincat, prezumibilment lill- Martin Debrincat, izda mart dan tal-ahhar infurmatha li zewggha ma kien hemm u li ''fi kwalunkwe kaz, l-ilma jmur

fejn kellu jmur'' (fol 29). Apap ghalhekk cempel lura u ex admissis qal li kellem pastas lill-Mrs. Debrincat. Ftit minuti wara Joseph Debrincat, bin l-imputat Martin Debrincat, mar ghand Apap biex jara ghalfejn kien tkellem b'dak il-mod ma' ommu meta l-imputat Joseph Debrincat xejjer daqqa ta' ponn u laqtu f'wiccu. Apap jallega ukoll li ftit wara tfacca Martin Debrincat zamm lill-istess Apap filwaqt li Joseph Debrincat baqa jtih sakemm irnexxielu jahrab. **It-tabib Peter Muscat** ikkonferma illi l-ferita subita mill-kwerelant hija wahda gravi kif del resto jikkonfermaw ir-ritratti esebiti mill-istess Louis Apap. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2001, izda, l-istess xhud qal illi huwa irrilaxxja ic-certifikat ta' ferita' gravi peress illi din setghet thalli sfregju fil-wicc. Huwa qal li wara li rega ra lill-kwerelant ma kienx baqa sinjal ta' sfregju.

**Kevin Apap**, bin il-kwerelant, ikkonferma il-verzjoni ta' missieru u zied jghid ghal xi raguni, l-imputati dhalu fil-karozza li kellhom fit-triq. **David Apap**, xhur okulari u iben il-kwerelant ikkonferma il-verzjoni tal-kwerelant u zied jghid ra lill-Joseph Debrincat jaghti daqqa ta' ponn lil missieru u malli ra lill-Martin Debrincat gej fid-drive-way mar l-ghassa tal-pulizija izda ma kien hemm hadd. L-istess verzjoni inghatat minn mart il-kwerelant Maria Apap.

**Miriam Micallef**, gar tal-impuati u l-kwerelant qalet illi dak il-hin tal-incident kienet fuq barra u rat lill-Joseph Debrincat jiggieled ma' Louis Apap fid-drive-way tal-istess Apap li kellu dmija f'wiccu. Din ix-xhud qalet li ma rat xejn f-idejn Louis Apap u lanqas f'idejn Joseph Debrincat. Hija qalet li l-incident ma lahqitux mill-bidu izda rathom huma u hergin mid-drive-way u li rat liz-zewg ulied tal-kwerelant li pero' ma intervjenewx. **Pawla Micallef** , xhud okulari qalet hekk: "Jiena noqghod bieb ma' bieb ma' Louis Apap. Dak inhar li gara l-inciedent ……. Kienet hafna xita u jien kont qeghdha fit-tieqa nara din ix-xita. Hin minnhom nara lil Joseph Debrincat diehel jigri fid-drive-way ta' Louis Apap. Huwa u diehel zelaq, qam, u kompla diehel, u jiena dhalt gewwa. Wara xi ftit jien kelli bzonn nohrog mid-dar u jiena u hierga nara lill-imputati u lil-Louis apap jiggieldu fid-drive-way tal-istess Louis Apap. Dak il-hin rajt lil Louis Apap bid-dmija u ssuggerjet lit-tfal tieghu li jcemplu lill-pulizija.

Da parti taghhom l-imputati jghidu li kienu huma li qalghu xebgha minghad Louis Apap u t-tfal tieghu u li wara li marru biex jiddewwew l-ispar marru jghmalu rapport l-ghassa. Joseph Debrincat spjega illi l-incident qabel l-incident, Louis Apap kien cempel lill-omm Joseph u kellimha pastas u din qatghetlu t-telefon. Meta rega cempel Apap wiegbu Martin Debrincat u infurmah li ma setghax imur jara l-ilma li kien qed jilmenta dwaru Apap u dan tal-ahhar beda jitkellem ghoxxen dwar missier Martin Debrincat li kien mejjet. L-imputati iddecidew immorru ghand il-kwerelant biex jaraw dan l-ilma minkejja li kellhom mistieden ghandhom. Ghalhekk minhabba li kienet niezla x-xita marru bil-karozza izda din ma steghetx taqbad u ddecidew imorru bil-mixi. Dan il-mistieden offra li jwassalhom hu izda iddecidew imorru bil-mixi – ghalhekk fil-waqt li Joseph Debrincat kien mmiexi lejn ir-residenza ta' Apap missieru kien qed isegwih bil-karozza ghan-nizla bl-isperanza li jqabbadha. Louis Apap laqa' lill-Joseph Debrincat billi xejjirlu daqqa ta' ponn u laqtu fuq xuftejh fil-presenza taz-zewg uliedu. Joseph Debrincat qal li xi xur qabel kien operat f'irkopptu u ma tantx kellu sahha fiha tant li hu xelaq fid-drive-way tal-kwerelant u dan kaxkru mal-art. Aktar tard Apap qabad hadida. Martin Debrincat imbotta lil Lousi Apap u b'hekk inrexxiehlu johrog Joseph minn tahtu izda Mary Apap qabditu mill-flokk u Louis Apap tefghalu l-hadida, ma laqtux u qabad gebla, tefghahhielu u laqtu fl'gharqub tal-lemin. Apap gabar il-hadida u ta daqqa biha f'mohh missieru. Joseph ried jidhol fil-

karozza izda ra lill-missieru mal-art u l-ohrajn daru ghalih kaxkruh lejn il-karozza u telqugh. Apap rega gie ghall-Joseph Debrincat u beda jxejjer il-hadida u dan prova jilqa d-daqqiet filwaqt li missieru ttanta jistartja l-vettura ghan-nizla u Joseph dahal fiha, Apap qabad lill-Martin Debrincat minn ghonqu u beda jigirfu u ghamlilhom sinjal li kien ser jaqtghalhom rashom. Apap infexx jaghti fuq il-karozza b'idu, bil-hadida, bis-sieq u bil-ponn.

**Martin Debrincat** xehed u kkorobora dak li qal ibnu. Iz-zewg imputati ezebew certifikati medici li juru l-feriti minnhom subiti kif ukoll sett ritratt li juru hsarat fuq il-vettura ta' Joseph Debrincat oltre stima ta' hsarat.

**Frankie Calleja** xehed illi huwa jaf lill-imputati fuq xoghol u li dak inhar tal-incident kien fid-dar tal-imputati meta cempel it-telefon u rrispondiet il-mara ta' Martin fejn infurmatu li xi hadd kien kellimha hazin fuq it-telefon. Wara ftit rega cempel it-telefon u irrispndih Martin fejn informa lix-xhud li kellu jmur jara x'gara. Minn hawn 'l quddiem id-deposizzjoni hija konsonanti ma dak li qalu Joseph u Martin Debrincat.

**Victor Vella**, panel beater, ikkonferma li kien ra l-vettura tal-imputat Martin Debrincat li allegatament garrbet diversi hsarat konsistenti f'daqqiet.

**Joe Borg Bellante**, surveyor, ikkonferma ir-rapport tieghu li kien ghamel dwar il-vettura tal-imputat.

Wara l-gheluq tal-provi, l-imputati ipprezentaw nota flimkien ma kopja ta' att pubbliku bejn l-imputati u l-kwerelant fejn l-kwerelant iddikjara flimkien ma martu illi jirrinunzjar ghall-dak kollu li hu rinunzjabbli u jiddikjaraw li m'ghandhomx iktar interess fil-kawza: Il-Pulizija vs Joseph Debrincat u Martin Debrincat. Stante li din l-akkuza mhix rinunzjabbli, l-Qorti ma tistax tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz izda f'kaz ta' sejbien ta' htija ikun opportun li ssir riferenza ghall-din id-dikjarazzjoni.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jidher illi hemm konflitt dirett bejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dik tal-imputati. Ix-xhieda cirkostanzjali fuq kull naha hija perfettament kongruenti mad-deposizzjoni ta' kull xhud u dan jaghmel il-kaz aktar difficli. Fil-kaz in dizamina, izda, hemm zewg elementi lil huma ta' massima importanza. Iz-zewg imputati huma akkuzati li flimkien ikkagunaw ferita gravi fuq Louis Apap meta mid-deposizzjoni tal-istess Louis Apap, kien Joseph Debrincat li tah id-daqqa ta' ponn fuq wiccu u kkawzalu l-isfregju minnu lamentat. Mir-rapport li kien ghamel Louis Apap lill-Pulizija ma kienx hemm dubbju ghall min kien qed jirreferi l-kwerelant u dan qatt ma qal li l-ferita kienet kagun ta' sforz kongjunt minn naha taz-zewg imputat. L-element l-iehor jirrigwarda l-isfregju nniffsu. L-prosekuzzjoni ressqet l-ahjar xhur li kellha f'dan ir-rigward u cioe it-tabib li ezamina lill-Kwerelant. L-istess tabib mediku ikkonferma illi huwa rrilaxxja c-certifkat tal ferita gravi peress illi din setghet thalli sfregju fil-wicc izda wara li rega ezamina lilll-Louis Apap kien tal-fehma li l-isfregju ma sehhx.

L-artikolu 216 li bih huma akkuzati l-imputati jghid hekk:

216 (1) L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tleit snin –

(b) jekk iggib mankament few sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz.

In vista' tax-xhieda tat-tabib mediku fejn ddikjara li ma hemm l-ebda sfregjnu, din il-Qorti thoss illi l-kaz ma hu bl-ebda mod pruvat.

Ghall dawn il-mottivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberhom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur